MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2015

Numru. 876/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**JANE BUSUTTIL**

**(ID: 0418750M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **JANE BUSUTTIL,** detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 0418750(M) giet akkuzata talli nhar il-21 ta' Awwissu 2008 ghal habta tad-disgha ta' filghaxija (21.00hrs) gewwa Triq Is-Summien, Hal Safi:

1. Talli bil-hsieb li tikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Marija Zammit ta' 62 sena minn gewwa Hal Safi, ID 0617147 (M), billi tipprova tifgaha minn ghonqha u dan skond kif iccertifika Dr. P. Seychell MD Reg. 2962 u dan ai terminu tal-artikolu 216 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebbet ghall-istess persuna msemmija sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmel xi hsara u dan bi ksur tal-Artikoli 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi volontarjament kisret il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikoli 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Rita Scicluna sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati hawn fuq addebitati, torbot lill-hati b' obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissatha kif jidrilha xieraq l-Onorabbli Qorti u dan ai termini tal-Artikolu 383 (1) (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza b'mod partikolari l-kunsens tal-Avukat Generali datat 27 ta' Awwissu 2009 (fol. 9) sabiex din il-kawza tigi trattata b'mod sommarju u rat dak li wiegbet l-imputata waqt l-ezami li sar nhar il-15 ta'

Settembru 2009 (fol. 10) li ma kellhiex oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' Assenjazzjoni temporanju datat 21 ta' April 2014 u li in segwitu permezz ta' digriet iehor moghti mill-Prim Imhallef datat 20 ta' Novembru 2014 din il-kawza giet assenjata lilha b'mod permanenti u hu ghalhekk li hija din il-Qorti kif preseduta li se taghti s-sentenza finali taghha.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u lill-imputata tixhed minn jeddha u b'mod volontarju.

Ikkunsidrat

**L-Ispettur Carlos Cordina** xehed fil-11 ta' Gunju, 2010 fejn iddikjara li fil-21 ta' Lulju, 2008 ghal habta tal-ghaxra ta' bil-lejl is-sinjura Mary Zammit ghamlet rapport gewwa l-Ghassa taz-Zurrieq fejn kienet irrappurtat illi kien giet aggredita minn persuna ta' sess femminili certa Jane Busuttil. Hija stqarret li l-argument kien inqala' minhabba l-fatt li titma' l-annimali b'ezattezza xi kelb fl-akwata. Mary qalet li l-imputata Jane Busuttil kienet uzat certa sahha fuqha u bhala konsegwenza hija garrbet diversi feriti li kienu ta' *slight nature complications* hekk kif deskritti fic-certifikat rilaxxjat minn Dr. Pamela Seychell registration number 962 ta' Paola Health Centre. Jane Busuttil kienet mghajta minnu u anke mis-surgent ta' dakinhar ghal aktar stharrig.

Hu kien ghajjat lil Jane Busuttil wara ghax is-Surgent li kien ha r-rapport PS 2 Martin Buttigieg miet u allura ma jistax lanqas jixhed f’dina l-kumpilazzjoni fejn milli jidher dan l-inkwiet inqala’ minhabba l-fatt li Mary Zammit kienet marret taghti xi ikel fl-akwata ta’ fejn toqghod Jane Busuttil u din malli saret taf kienet gibditilha l-attenzjoni ghal darba darbtejn biex ma taghtix l-ikel ghax minhabba l-fatt li qed jingabru hafna klieb, qed jingabar hafna hmieg taghhom. Ingibdet l-attenzjoni tal-Ispettur li Mary Zammit qaltlu hi stess li kien tmur taghti x’jieklu lill-annimali.

L-Ispettur spjega li l-imputata kienet ghaddejja proceduri fil-Qorti quddiem il-Magistrat Dr. Audrey Demicoli u l-Avukat Dr. Tonio Azzopardi li kien qed jidher ghal parte civile Mary Zammit kien gibed l-attenzjoni tal-Qorti li xtaq li l-pulizija jbiddlu l-akkuzi fil-konfront tal-imputata. Dr. Tonio Azzopardi ried li jzidu l-akkuzi fis-sens li b’hekk l-imputata tiffaccja kumpilazzjoni ghax sostna li seta’ kien hemm attentat ta’ qtil.

Jghid ukoll li meta giet imsejha Mary Zammit l-ufficcju tieghu fl-ebda hin ma semmietlu li kien hemm xi barriera li setghat taqa' go fiha, kif beda jallega Dr. Tonio Azzopardi quddiem il-Magistrat li kienet gja bdiet tisma’ l-kaz bhala wiehed tas-seduta.

Ikkonferma li meta’ Mary Zammit kienet marret l-Ghassa ma’ persuna ohra certu Bongailas kienet qaltlu li kellha argument ma’ Jane Busuttil u semmiet xi borma, li setghat sawtitha biha fuq rasha. Imma mic-certifikati jirrizulta li m’hemm l-ebda ksur lanqas fl-iskutella tar-ras. F’dan l-istadju

pprezenta affidavit tat-tabiba Dr. Pamela Seychell li ccertifikat lis-sinjura Maria Zammit gewwa c-centru tas-Sahha, liema certifikat gie mmarkat bhala Dok .PS1.

**Maria Zammit** xehdet fil-11 ta' Gunju 2010 u kkonfermat illi hija kienet ghamlet rapport fuq dak l-incident tal-21 ta' Awwissu, 2008, meta kienet giet imsawwta u aggredita minn Jane Busuttil li gharfet bhala l-imputata u ziedet tghid li din kienet ippruvat tifgaghha.

Tghid illi l-ewwel bdiet taghfsila ghonqa, u esebiet sett ta' tmien (8) ritratti mmarkati Dok. ZM 1 sa Dok. ZM 8 biex tindika l-feriti li kellha dakinhar. Imbaghad hi bdiet tghidilha biex titlaqilha ghonqha ghax kienet ser tifga' u din qaltilha *"x'nitilqek nitilqek jien noqtlok irrid"*. Imbaghad telqitilha ghonqha u bdiet taqbdilha idha l-leminija u ssabbatha mal-art.

Tghid li rigward ir-ritratti li gew esebiti llum dawn m'humiex ritratti li jirrigwardjaw biss ghonqha izda wkoll griehi ohra konsegwenza tal-incident. Tghid ukoll li hi kienet qalghet daqqa f'rasha meta kienet mal-art mill-imputata u li meta marret ic-Centru tas-Sahha t-tabiba rreferietha ghal X-Ray.

Esebiet ukoll tlett certifikati medici li gew rispettivament immarkati bhala Dok. ZM9, ZM10 u ZM11. Tghid li l-ghada 22 ta' Awwissu 2008 bdiet tmur ohtha maghha Margaret Bongailas biex hi taghlef il-kelba u dan bhala protezzjoni.

Tghid illi fit-23 ta’ Awwissu, 2008 meta hi marret biex taghlef il-kelba kienu hi u ohra Margaret fil-karozza. Fid-daqqa u l-hin ir-ragel tal-imputata fethilha l-bieba, dana dahal nofsu fil-karozza u beda jghajjat b’idejh go wicchom. Dan beda jghidilhom “*tigunix ‘l hawn ghax jekk tigu ‘l hawn tibghatuni l-habs*” u qal li jgib senter u jghid “*tghallinix tghallinix*”. Tghid li rigward li jgib senter dan qalha darba.

Tghid li hi u ohtha bdew jghidulu “*hallina u ohrog mill-karozza, u li huma kienu mwerwrin*”.

Tghid illi fuq dan huma ghamlu rapport. Tghid illi r-ragel tal-imputata baqa’ hemm, sejjah lil martu li kienet qieghda gol-veranda u qalilha biex tigi tkompli hi u giet ukoll, u giet ukoll it-tifla taghhom.

Tghid li l-imputata baqghat il-boghod izda xorta bdiet tghajjarhom u qaltilhom illi bezghu li ma marrux. Huma mbaghad wegbuha li kienu ser jitkellmu l-Qorti.

Tghid illi meta sehh l-incident, l-imputata bdiet ittiha u ssabatha mal-art u bdiet tkaxkara minn naha ta’ idha l-leminija lura. Din spiccat biex tefghatha ghal nofs it-triq fejn fit-triq kien hemm barriera xi zewg sulari u nofs, li llum hija mibnija flats.

Tghid li kien hemm zewg irgiel weqfin li bdew jaraw x'gara pero' hi ma gharfithomx ghax kien id-dlam. Hi u ohtha ghamlu rapport dwar dak li gara f'dik id-data u cioe' fit-23 ta' Awwissu, 2008. Tghid illi qabel il-21 ta' Awwissu 2008 ma kien hemm l-ebda argumenti li nqalghu bejnha u bejn l-imputata.

Tghid illi l-ispettur Carlos Cordina qatt ma kien sejjhilha biex tmur tkellmu l-ufficju tieghu pero' marret tkellmu minn rajha, flimkien ma' ohtha. Dan ghamlitu ghaliex kienet inkwetata rigward il-kontenut ta' l-affidavit, liema affidavit rilaxxjat minn PS 850 Simon Buttigieg kien gie f'idejha u li gie esebit u mmarkat bhala Dok. ZM12.

**Maria Zammit regghet** xehdet fil-15 ta' Ottubru, 2010 u kkonfermat ix-xhieda moghtija minnha fis-seduta tal-11 ta' Gunju, 2010. Tghid li hi kienet inkwetata rigward l-affidavit li hejja PS 580 Simon Buttigieg u riedet tkellem lill-ispettur. Illi s-surgent qatt ma kien kellimha u ghalhekk insistiet li tkellem lill-ispettur biex tghidlu fuq l-affidavit. Tghid illi fid-data ta' l-incident meta waslet bil-karozza fejn is-soltu tmur taghlef, hi kienet ghadha ma hargitx mill-karozza.

F'daqqa wahda tfaccat l-imputata u kellha jdejha ma' wicc ix-xhud u bdiet tghajjat kemm tiflah u x-xhud stqarret illi lanqas taf ezatt xi bdiet tghidilhom. Hi harset u rat li kienet telqet, hekk kif harget mill-karozza bdiet ittiha. Hi hatfitha minn ghonqha u b'idejha t-tnejn bdiet taghfas kemm tiflah madwar ghonqha, hi kull ma felhet tghidilha kien biex titlaqgha. Dan qalitulha darba biss u hi wegbita *'x'nitilqek nitilqek, jien noqtlok irrid'*.

Dan forsi damet xi zewg minuti, hi bdiet tara forsi jarahiex xi hadd, imbaghad qabditha minn idha u sabtitha mal-art. X'hin bdiet tkaxkara lura ndunat li kien hemm zewgt irgiel. Dawn la ccaqilqu u lanqas tkellmu, raw biss x'kien qed jigri. Dawn kienu qeghdin fejn hofra li kienet fonda zewg sulari u nofs. Ix-xhud ma tafx ghaliex l-imputata aggredietha u fil-fatt tghid li qatt ma kellhom argumenti qabel. L-imputata lanqas toqghod fit-triq fejn hi titma l-kelba u x-xhud taghlef il-kelba bil-permess tas-sid ta' l-*iscrap yard.*

Tghid li kien sid l-i*scrap yard* kellu *container* li ma kienx jintuza u dan kien fethilha l-bieba u kien hemm tinda biex fix-xitwa l-ikel u l-ilma taghmilhom fih. X'hin l-imputata kienet qieghda taggrediha, hi hadet daqqa kbira fuq rasha, u kull darba li ppruvat tqum ma kienx jirnexxielha. Ix-xhud tghid li hija twila hames piedi u pulzier. B'referenza ghal dak li kien inqralha fl-affidavit tghid li ma taqbilx ma' dak li hemm imnizzel.

Tghid li hi tichad li taghat lill-imputata xi daqqa ta' borma u li hi lanqas tiflah ghaliha. Tichad li PS 850 qatt kellimha u li kien fid-data tat-tieni incident li hi u ohtha kellimhom PS 850 u cioe' fid-disgha ta' filghaxija (21:00hrs) tas-26 ta' Awwissu 2008.

Tghid li mhux minnu li kienet ser ittajjar l-imputata b'daqqa ta' karozza u li wara dan li sehh, hi kellha tiehu *counselling* ghaliex kien xokk ghaliha dan kollu u li hi qatt ma ghamlet xejn hazin.

Fit-tieni ncident imbaghad hadet xokk iehor ghaliex hasbet li r-ragel tal-imputata kien ser johrog ghalihom b'senter. Tghid illi hi bdiet tmur ghas-*sessions* u mbaghad ma baqghatx tmur minhabba l-ispejjez. Hi kienet tmur dawn il-*counsellings* ghand Matthew Bartolo u esebiet ricevuta ta' hlas, fil-fatt hemm tmien ricevuti esebiti u mmarkati bhala Dok. ZAM 1 sa Dok. ZAM 8.

In kontro-ezami tghid illi ma kienitx taf lill-imputata qabel l-incident. Kienet tafha biss di vista u jekk jiltaqghu kienu jsellmu lil xulxin. Tghid li hi residenti Hal Safi bhall-imputata, pero' ma joqghodux fl-istess triq. Tghid li hi tikkalkula li d-distanza qisha mill-Qorti sal-Palazz tal-President gewwa Triq ir-Repubblika. Tghid illi l-klieb hi qatt ma ghalfithom quddiem il-bieb ta' xi hadd u li dawk li kienet taghlef kienet taghlifhom fl-i*scrap yard* bil-permess ta' sid l-i*scrap yard*.

L-*iscrap yard* mhix fl-istess triq ta' fejn tghix l-imputata izda vicin. Tghid li bhala *complaints* kien hemm wiehed ragel li kien qallha biex ma toqghodx taghlef lill-kelba fl-i*scrap yard* u dan kien ir-ragel ta' l-imputata. Hi qaltlu li peress li ma kienetx qed taghmel dan quddiem id-dar tieghu u lanqas fit-triq tieghu, thoss li b'daqshekk ma kienet qed taghmel xejn hazin.

Tghid li hi ghamlet tentattivi biex tipprova ssib *home* lil din il-kelba, u li hi ma setghatx tohodha d-dar ghaliex din ma kientx taghha u d-dar hi ghandha l-qtates. Izda dan id-diskors hi qatt ma qalitu lill-imputata.

Tghid li hi kienet tiehu *container* bl-ikel darba kuljum u titfaghlha l-ikel f'*container* iehor. Tghid li l-*container* li kienet iggorr l-ikel fih kienet borma zghira. It-triq fejn kienet taghlef lil din il-kelba kien jisimha Triq is-Summien. It-triq fejn toqghod Jane Busuttil qieghda f'zewg kantunieri, wahda mit-toroq hija Triq L-Iskola u l-ohra Triq in-Nassab.

**Maria Zammit** xehdet ukoll fis-27 ta' Mejju 2013 fejn esebiet zewg ritratti li qeghdin jigu mmarkati bhala Dok. MZ 1 u Dok. MZ 2 rispettivament. Hija qalet li dawn huma l-istess ritratti li gew imkabbra.

**Margaret Bongailas** xehdet fl-1 ta' Gunju, 2011. Tghid illi nkwantu l-incident li sehh fil-21 ta' Awwissu 2008 hi ma kienitx ma' ohta. Izda dakinhar kienet ma' ommha li hi anzjana. Izda mbaghad kienet marret ohtha d-dar u ratha mbiccra, kollha daqqiet u tbengil u anke gundalli kellha go rasha. Kellha wkoll grif u l-hwejjeg kienu qishom kollha trab bhal meta xi hadd ikun tmieghek mal-art.

Ma tiftakarx il-hin x'kien ezatt, pero' tiftakar li kien filghaxija. Mistoqsija jekk tafx lil Samantha Farrugia, tghid li tafha u li din tigi t-tifla ta' ohta u li wkoll kienet rat lil Maria Zammit fi stat tajjeb qabel dak l-incident. Dakinhar tal-incident ohtha Maria Zammit kienet marret id-dar ta' ommha, u hemmhekk kienu rawha kollha mbengla.

Tispjega li dakinhar tat-22 ta' Awwissu 2008 ohtha Maria Zammit kienet ghadha kemm ghalfet kelba abbandunata u li hi kienet qieghda hdejha fil-karozza. Tghid li fil-hin tfacca Nazzareno Busuttil, waqt li ohtha Maria Zammit kienet diga fil-karozza u dan fetah il-bieba u dahal nofsu fuqha fil-karozza u beda jghajjat tant li qalbha riedet tohrog. Beda jghid il-kliem '*halluni, halluni ghax lili se tghalluni*. *Fl-ahhar se ggaghluni ngib senter u titfghuni l-habs"*. Tghid li hi wegbitu *'lilna hallina kwieti issa nitkellmu bil-Qorti u bil-gustizzja'*. Fil-pront kien hemm l-imputata Jane Busuttil li qed taghrafha prezenti fl-Awla u ftit il-boghod kien hemm bintha Jacqueline Lenard li wkoll bdiet tghajjarhom. Hi bdiet tghid lil ohtha biex issuq u tghid li sa fejn taf hi qatt qabel dakinhar ohtha ma kellha problemi ma' Jane Busuttil jew xi familjari taghha.

In kontro-ezami, tghid illi fuq dak li sehh fit-23 ta' Awwissu 2008 hi u ohtha dak il-hin stess marru jaghmlu rapport lill-Pulizija. Mistoqsija jekk tafx dak li sehh u cioe' li fit-23 ta' Awwissu li Nazzareno u Jacqueline gew imressqa l-Qorti u gew illiberati tghid li iva taf. Tghid illi meta giet ohtha d-dar, kienet imbiccra u l-gundalli hassithom hi stess izda ma tiftakarx tghid kemm kien hemm gundalli ezatt.

Tghid illi rigward l-incident tal-21 ta' Awwissu 2008 inkwantu t-tbengil li kellha fuqha ohtha, kienu diga bdew jihdaru.

**Samantha Farrugia** xehdet fl-4 ta' Novembru, 2011. Tghid illi meta sehh l-incident hi kienet ghaddejja min Triq is-Summien u kien ghal habta tad-disgha ta' filghaxija (9.00pm) jew id-disgha u kwart ta' filghaxija (9:15pm) bil-karozza u rat liz-zija li kienet diga' fil-karozza.

Tghid li z-zija taghha hija Mary Zammit u li kienet qieghda tghajjat u kien hemm mara li taghtha xebgha u ezatt kif kienet ghaddejja mit-triq kien hemm zewg irgiel li ma tistax tiddeskrivihom ghax ma tafx min huma. Dawn kienu qeghdin hdejn hofra u x'hin ghaddiet rat liz-zija taghha u dak il-hin inhasdet u regghet daret biex issegwihom bil-karozza taghha.

Tghid illi dak il-hin iz-zija taghha kienet fil-karozza u hi daret u marret ghal ommha, imbaghad marret ghand in-nanna peress li z-zija taghha toqghod man-nanna u kienet hemmhekk. Kienet fi stat ta' xokk kbir u kienet imbezza' hafna, kellha hafna grif u bdiet tghidilhom x'kien gara. Hemmhekk hadu xi ritratti u marru l-ghassa taz-Zurrieq. Hemmhekk baghtuhom il-Health Centre u l-emergenza biex johdulha X-Ray minhabba xi daqqiet.

Meta giet murija r-ritratti ZM1 sa ZM8 tghid li dawk huma r-ritratti. Tghid li hadithom hi dakinhar stess. Dakinhar li rat lil z-zija taghha kienet bil-qieghda fil-karozza u kienet qed tghajjat li qalghat xebgha. Hi marret ghal ommha u wara marru ghand in-nanna.

**Dr. Josef Zahra M.D** xehed fil-15 ta' Ottubru, 2010 u kkonferma c-certifikat immarkat bhala DOK SC2 u kkonferma li dan huwa certifikat mediku rilaxxjat minnu. Jghid ukoll li nhar it-22 ta' Awwissu, 2008 huwa kien ezamina lill-pazjenta Maria Zammit gewwa d-dipartiment tal-Emergenza fl-isptar Mater Dei. Jghid li kien gie nfurmat illi Dr. Pamela Seychell M.D. kienet irreferiet lill-pazjenta l-isptar Mater Dei ghal X-Ray.

Jghid li kien ra r-rapport tal-X-Ray u kkonferma ghal darb'ohra li ma kien kien hemm l-ebda  ksur. Jikkonferma li kien ra c-certifikat li kienet ghamlet Dr. Pamela Seychell M.D u li dan ic-certifikat jinsab a fol 7 tal-Process.

Jghid illi mir-rapport ta' Dr. Seychell irrizulta li dina l-pazjenta kellha grif superficjali f'ghonqha. Muri Dok. ZM11 li jinsab esebit a fol 33 tal-Process jghid li dan gie rilaxxjat gimgha wara li hu kien ra lill-pazjenta.

Jghid illi jista' jkun illi certu marki u tbengil fil-gisem jibdew jidhru wara certu zmien. Dan in kwantu ghall-perjodu ta' xi ftit ta' jiem wara li jkun hemm tali taghfis. Illi f'dawn il-kazi l-prassi normali hija illi mat-taghfis titfacca hmura, ikun hemm taghfis bizzejjed mbaghad il-kulur jinbidel ghal iswed, imbaghad matul il-jiem dan isir ghal kulur ahdar u ghal kulur isfar.

**Dr. Pamela Gauci nee' Seychell** xehdet fis-17 ta' Frar, 2012. Ikkonfermat li kienet harget zewg certifikati medici. L-ewwel wiehed li kienet harget huwa datat 21 ta' Awwissu 2008 fl-ghaxra ta' filghaxija (10:00pm) fil-Paola Health Centre meta ezaminat lil Mary Zammit u sabitilha l-griehi kif hemm deskritti u partikolarment abrazzjoni superficjali daqs madwar 1.5cm b'1cm fuq quddiem tal-ghonq jew aspett interjuri centralment.

Girfa superficjali twila madwar 3cm fuq in-naha xellugija tal-ghonq. Tghid illi l-griehi huma kombinazzjoni ta' abbrazjonijiet u grif superficjali fuq diversi partijiet tal-gisem u kien hemm gundalla jew haematoma fuq in-naha leminija tar-ras u minhabba f'din il-gundalla hi kienet irreferietha l-isptar ghal investigazzjoni u hemmhekk kien raha tabib iehor.

Tghid li fl-ewwel certifikat ma kienitx tat gudizzju minhabba f'din il-gerha ghax kien hemm bzonn li forsi jsiru testijiet ohra li ghalhekk ma setghetx tghid jekk kienux hfief jew gravi f'dak l-istat.

Spjegat li Mary Zammit fis-26 ta' Awwissu 2008 fl-10:00pm regghat marret ghandha u qaltilha li hargulha griehi ohra. Hi ezaminatha u kkonfermat li verament kien hemm xi griehi ohra u nizzlithom fuq certifikat separat u isfel kitbet li dawn il-griehi tfaccaw wara l-ewwel data ta' ezami li kienet ghamlet fil-21 ta' Awwissu. Il-pazjenta qaltilha li allegatament kien mill-istess darba imma x-xhud indikat illi l-ewwel darba li rathom kien proprju hamest ijiem wara.

Tghid li kellha tbengila fuq parti ta' wara tad-dirghajn il-leminija b'daqs 3cm b'1cm tbengila u nefha b'daqs 3cm b'3cm fuq naha ta' barra tal-koxxa tal-lemin. Tbengila daqs madwar 2cm b'1cm fuq l-aspett interjuri tal-ispalla leminija w tlett tbengiliet imdaqqsa mawdar 1 cm b'1 cm kull wahda fuq il-parti ta' fuq tas-sider tal-lemin. Hija fissret li dawn il-griehi tfaccaw wara l-ewwel data tal-ezami li saret fil-21 ta' Awwissu allegatament minn l-istess glieda pero' x-xhud rathom l-ewwel darba fis-26 ta' Awwissu.

Tghid li bhala tbengil jista' jkun li ma johorgux mal-ewwel izda wara ftit granet. Issa f'dan ic-certifikat hija kklassifikat il-griehi bhala li kienu ta' natura hafifa salv kumplikazzjoni.

Tghid li fit-tieni vista ma kienx hemm affarijiet godda li ma kienitx semmiet l-ewwel darba. Tghid li kienet specifika hafna fic-certifikat taghha jigifieri kien hemm punt wiehed u tnejn abrazzjoni superficjali.

Tghid li hi ezaminat lill-pazjenta darbtejn u l-ewwel darba kien hemm abrazzjoni superficjali u <u>fit-tieni darba ma rat l-ebda marka li hija kompatibbli ma' ghafsa madwar l-ghonq (sottolinear ta' din il-Qorti).</u>

Tghid li rreferietha l-isptar minhabba l-gundalla u mhux minhabba xi girfa. Tghid li hi probabilment saqsietha kif kienet marret l-isptar pero' issa ghaddew tliet (3) snin u nofs u ma tiftakarx. Tghid li hi ratha f'dawk id-darbtejn biss. Tghid illi ma ordnatilha l-ebda medicina wara dakinhar. Tghid li meta kienet tahdem Poala Health Centre, kienu jigu kuljum nies biex jaghmlu certifikat ghax ikunu hargulhom griehi godda. Pero' hi ma tistax taghti gudizzju ghaliex kien intalab dan ic-certifikat.

**Dr. Pamela Gauci regghet** xehdet, fl-20 ta' Frar, 2013 u murija r-ritratti li jinsabu a fol 30 tal-process immarkati bhala Dok ZM1 sa Dok. ZM8 tghid illi ma tistax tghid kif gew kagunati.

**PC 462 Darren Farrugia** xehed fis-17 ta' Frar, 2012. Ikkonferma bil-gurament ir-rapport tieghu dwar l-incident li kien sehh nhar il-21 ta' Awwissu, 2008. Ir-rapport hu hadu minn fuq il-verzjoni tas-surgent u mhux hu ghamlu. Is-surgent kien PS 2 Martin Bugeja, li llum huwa mejjet. Id-dokument huwa esebit u mmarkat Dok. DF 1.

**Matthew Bartolo** xehed fl-1 ta' Marzu, 2013. Jghid li l-professjoni tieghu dak iz-zmien kienet ta' *counseller*. Illum il-gurnata hu ghamel Masters u qieghed Terapista. Mistoqsi jekk jafx lil Mary Zammit jghid li jafha ghaliex kienet ex-klijenta tieghu u kienet tmur ghat-terapija ghandu.

Jghid li l-pazjenta kient trawmatizzata minn esperjenza li ghaddiet minnha u li huwa kien jithallas tas-*sessions* li kien jaghmel maghha.

Hi kienet qaltlu li kienet giet attakkata minn xi persuna. Qal li l-attakk kien fiziku u jiftakar li semmietlu lil xi hadd li kien qabdilha ghonqha u pprova jhebb ghaliha. Meta muri r-ritratti esebiti fl-atti jghid li meta marret ghandu l-pazjenta verament kellha dawk l-istess marki tal-ghonq kif murija fir-ritratti.

Jghid li l-*counselling* kien sar ghax kienet ghaddejha minn trawma taghha li kienet il-hin kollu tirrepeti dak li ghaddiet minnu, kienet imbezza' allura kienu ppruvaw jahdmu b'mod kif tista' tghix biha u tirrilassa iktar ghax kienet qieghda *tensive* hafna.

Jghid li ma kienitx lestiet il-kors tieghu kollu u kellha tieqaf ghax ma bdietx tlahhaq mal-ispejjez. L-ircevuti rahom u kkonferma li harighom u dawn kienu thallsu minnha.

Illi nhar l-20 ta' Frar 2013 l-avukat difensur tal-parte civile Dr Tonio Azzopardi talab lil Qorti sabiex tinnomina espert forensiku sabiex jezamina r-ritratti esebiti fl-atti u mmarkati bhala Dok. ZM1 sa Dok. ZM8 u li jinsabu a fol 30 tal-process u dan sabiex jghid ma xiex huma kompatibbli l-feriti hemm riskontrati. Il-Qorti fil-fatt kienet innominat lil Dr Anthony Abela Medici ghal dan il-ghan.

Rat li Dr Abela Medici kien irrinunzja ghal dan l-inkarigu permezz ta' email mibghuta lill-Magistrat Dr Saviour Demicoli datat 10 ta' Gunju 2013 (fol 101) u ghalhekk dan l-espert gie sostitwit b'Dr Jonathon Joslyn.

Illi nhar l-10 ta' Lulju 2013 deher Dr Jonathon Joslyn u pprezenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok JJ (fol. 104). Minn ezami ta' l-istess jirrizulta s-segwenti bhala konkluzjoni tieghu:

*"1. Illi nhar il-21 ta' Awwissu 2008 Maria Zammit kienet involuta f'tilwima ma' persuna ohra fejn mir-ritratti jidher li garrbet griehi ta' natura hafifa.*

*2. Il-griehi tal-brix jew selhiet li qalghet fuq ghonqha kif ukoll dawk fuq in-naha postrjuri tal-ispalla tax-xellug kienu maghmulin minn dwiefer waqt it-tilwima.*

*3. Illi t-tbengil li jidhru fuq in-naha laterjali ta' koxxitha kif ukoll it-tbengil li jidhru fuq il-parti posterjuri tan-naha t'isfel tad-driegh tal-lemin huma maghmulin minn 'blunt trauma'.*

*4. Illi t-tbengil li jidhru fuq in-naha ta' fuq ta' sidirha fejn testendi fuq il-parti anterjuri tal-ispalla tal-lemin huma maghmulin minn swaba ta' id f'qabda ta' certu sahha.*

*5. Illi dawn il-griehi kollha msemmijin huma ta' natura superficjali u mhux is-soltu jhallu marka jew sfregju*."

**Dr Jonathan Joslin** xehed fil-5 ta' Mejju, 2014 in kontro-ezami u spjega li kien ra r-ritratti esebiti fl-atti qabel ma' rrediga r-relazzjoni tieghu. Jghid li lil Mary Zammit ma jafhiex u qatt ma raha, u ghalhekk il-konkluzjoni tieghu huma ragunati permezz ta' ezami li sar fuq ir-ritratti esebiti. Jghid li r-ritratti li ra li kienu tmienja huma riprodotti fir-relazzjoni tieghu, u li kien rahom tmienja u hamsin (58) xahar wara li kien sehh l-allegat kaz.

Jghid li ma rax ir-rapporti tat-tobba u lanqas il-process ma ra u li ma jaf xejn aktar dwar Maria Zammit la jekk dahlitx l-isptar, la jekk sarux ezamijiet medici fuqha u lanqas jekk sarux xi X-Rays. Ghal darb'ohra kkonferma li ra t-tmien ritratti biss.

Mistoqsi jekk rax il-marki fuq ghonq Maria Zammit jghid li rahom u rahom kif inhuma fid-dokumenti ZM4, 5, u 6. Jghid li effettivament hu dehrlu li dawn il-feriti gew ikkagunati permezz ta' seba' u difer.

Seduta stante huwa gie muri l-persuna ta’ Maria Zammit u ezaminaha u kkonferma li l-feriti ma hallew l-ebda marka u m’hemm l-ebda sfregju llum-il gurnata. B’referenza ghal dokument ZM5 u ZM 6 jiddeskrivi li l-gerha li hemm f’nofs l-ghonq wisq probabbli bhala selha u jixtieq jghid li fejn hemm il-marka jghid ukoll li effettivament hemm ticrita u dan b’referenza ghad-dokument immarkat bhala Dok. ZM6. Ghalhekk b’mod specifiku jghid li l-ferita li hemm f’nofs l-ghonq fil-parti ta’ quddiem hija selha mhix abrazzjoni u kkonferma li *loss of skin* tista’ ssir permezz ta’ girfa u tista’ wkoll issir permezz ta’ difer. Izda x’tip ta’ tghafis kien hemm ma jistax jghid abbazi ta’ dawn ir-ritratti.

**Jane Busuttil, l-imputata** xehdet minn jeddha u b’mod volontarju fil-5 ta’ Awwissu, 2014. Tghid li lil Maria Zammit hi tafha u li ilha tafha zmien twil. Tghid li qabel l-incident, ir-relazzjoni taghha maghha kienet wahda tajba. Tikkonferma illi fil-21 ta’ Awwissu 2008 hi kienet qieghda d-dar f’Hal Safi u li kellha wkoll in-neputi maghha. Ftit wara n-neputi hareg barra u bdiet tisma’ l-inbiegh tal-klieb, hemmhekk hasbet li klieb kienu daru ghan-neputi.

Tghid illi d-dar taghha hija kantuniera Triq l-Iskola ma’ Triq in-Nassaba gewwa Hal Safi u quddiem id-dar hemm bicca ghalqa u kienet vojta qisha *scrap yard.* Hi harget barra u rat qisu ghaxart iklieb jiggieldu f’nofs it-triq. Hi harget f’nofs it-triq biex tkecci l-klieb pero’ dawn il-klieb ma riedux jitilqu lil xulxin u fil-pront giet karozza u saqet ghal fuqha u ghal fuq il-klieb u nfirdu bil-karozza. Il-karozza kienet misjuqa mill-kwerelanti Maria Zammit u tghid illi dak il-hin marret fuqha u qaltilha qed tara x’qed iggibilna hawnhekk. Ghaliex il-klieb kienu jigu jfittxu kelba ohra li kienet

tkun fl-ghalqa. Hi harget mill-karozza u bdiet tghidilha *"tindahalx ghaliex hi hekk riedet"* u hi qaltilha hekk ghaliex kuljum kienet taghlef din il-kelba. Hi tghid li kienet diga marret ghand il-kunsill, il-pulizija, RSPCA u l-pulizija kienu jghidu li lanqas iriduha din il-kelba ghax kienu jigu u jarawha bil-bowl tal-ikel u tal-ilma. Maria Zammit kienet toqghod Triq San Pawl u trid tghaddi minn sitt (6) toroq.

Tghid li l-ghalqa ta' faccata mhix taghha u li hi kienet tghid lil Maria Zammit biex il-kelba tohodha fil-gnien taghha. Tghid li l-ghalqa tal-faccata mhix taghha. Il-kelba kienet mahmuga hafna tant li kien ikun hemm qurdien tilghin mal-hajt u kull min jghaddi minn hdejha din il-kelba kienet tohrog ghaliha u anke jekk tghaddi karozza tohrog tigri warajha. Kienet iddejjaq lil kulhadd u bil-lejl kienet sahansitra tinbah u ma thallihiex torqod.

Tghid illi dak il-hin taf li Maria Zammit fethet il-booth tal-karozza taghha, harget borma u marret bil-borma go wiccha u hi qabdet il-borma u hi tigbed minn naha u l-ohra tigbed minn naha l-ohra. Hi bezghat li Maria Zammit kienet ser timliha bl-ikel tal-kelb u dak il-hin taf illi waqghet mal-art u li l-borma baqghat f'idha. Hija qamet tigri mimlija bix-xahx ghaliex waqghet fuq ix-xahx u baqghet iddur mal-karozza, waslet hdejn il-bieba tax-xufier, fethet il-bieba u dahlet u qaltilha ara hemm ghax intik daqqa ta' karozza u saqet 'l hemm billi ghamlet *u-turn* u telqet minn fejn giet.

Tghid li ma tafx x'ghamlet bil-borma u tahseb li tefghata mal-art. Hi fl-ebda hin ma giet fl-idejn ma' Maria Zammit. Tghid li ma tafx kif Maria Zammit spiccat b'certu feriti u li mhux minnu li hi avvicinat lil Maria

Zammit minn wara u lanqas huwa veru li ghafsitilha ghonqha b'idejha t-tnejn sakemm waqfilha nifisha. Tghid u terga' tikkonferma illi Maria Zammit waqghet mal-art, kien hemm ix-xahx u ntliet kollha xahx.

F'dan l-istadju l-parte civile titlob li jsir konfront maghha.

**Maria Zammit** bil-gurament regghet ikkonfermat li verament l-imputata qabditha minn ghonqha. Fil-fatt qaltilha biex titlaqha ghaliex kienet ser tifgaha u dak il-hin qaltilha li hi toqtolha trid.

**Jane Busuttil** bl-istess gurament taghha tghid li dan kollu mhux vera.

**Maria Zammit** tghid li effettivament Jane Busuttil bdiet taqbadha minn idha u ssabbatha mal-art u tkaxkarha.

**Jane Busuttil** tghid li dan mhux minnu fil-fatt kien kemm karozza hdejhom u ma setghetx tigbidha mal-art.

**Maria Zammit** tghid illi Jane Busuttil ma kellhiex il-karozza taghha fit-triq fejn toqghod hi izda l-karozza kienet fi Triq is-Summien. Triq is-Summien hija l-fetha fejn hemm din l-ghalqa fit-tarf tat-triq fejn hemm salib it-toroq.

**Jane Busuttil** tkompli tghid illi l-verzjoni tal-fatti hija dik moghtija minnha. Tghid li hi ma setghatx issabbat lil Maria Zammit ghaliex hi kienet bil-borma f'idha.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet pprezentata mill-parte civile nhar is-17 ta' Ottubru 2014 u semghet kemm lill-Ufficjal Prosekutur kif ukoll lill-avukat difensur jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2014.

Rat ukoll il-kwerela tal-kwerelanti miktuba minn Dr Tonio Azzopardi datata 3 ta' Gunju 2009 prezentata mill-Ufficjal Prosekutur waqt it-trattazzjoni tieghu.

Ikkunsidrat.

M'hemmx dubju li din il-kawza tiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhieda li semghet il-Qorti u dan wara li ghamlet apprezzament taghhom ai termini tal-**Artikolu 637** tal-Kap 9. Ghalhekk bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies tal-imgieba, kondotta, karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, ta' fattizzi ohra tax-xhieda taghhom, jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjata ghal hdejn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, u dan ghaliex hija ghexet il-process tul medda ta' zmien, tkun semghet ix-xhieda (ghalkemm mhux

kollha) jixhdu *viva voce* quddiemha, ezaminat l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li kienet hija stess li kkonstatathom, u x'interess seta' kellu kull xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le. Jinghad pero' li l-Qorti semghet kemm lill-imputata kif ukoll lill-parte civile li f'dan il-kaz huma l-iktar zewg xhieda mportanti. Ghalhekk kollox jiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhieda u dan hu proprju l-ezercizzju li ghamlet din il-Qorti.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migbura u thoss li l-alternattivi huma tnejn; jew li l-imputata qed tghid il-verita' jew ma hijiex. Pero' fic-cirkostanzi kif inhuma, u kif jirrizultaw fil-process, biex din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-imputata mhix hatja tad-delitti mputati lilha, trid ukoll tasal ghal konkluzjoni li kien hemm fil-kaz u fil-konfront taghha, speci ta' kongura minn persuna – l-kwerelanta - biex taddebitalha delitti li ma kkommettietx.

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-*onus* ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal per ezempju d-difiza tal-insanita'.

Hija principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta nnocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini tal-Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi s-segwenti:

*"every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty..."*

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn **Sir Augustus Bartolo** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Michele Borg et** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:

*"illi skond il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna mfassla fuq dak ta' l-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.' "*

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament presunzjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzata ma trid tipprova xejn dwar l-innocenza taghha - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija taghha. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputata, l-*onus* generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzata irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni w f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija, u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat, huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** – Vol. III, Kap. IV, pg. 236, Ediz. 12 - 1890:

*"il cosi detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta ai chi accusa onus probandi incumbit qui asserit."*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer** deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997, fejn il-Qorti tenniet li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

In fatti **Lord Denning** fil-kaz **Miller v Minister of Pensions** [1974] 2 All ER 372, jaghti bhala spjegazzjoni ghall-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*" is-segwenti:

"*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to detect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility*

*in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt but nothing short of that will suffice.*"

Il-Qorti hawnhekk taghti spjegazzjoni tat-tifsira wzata komunement u cioe' li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha *beyond a reasonable doubt*, li tipprova kaz dettat bla dubju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzata jrid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija w ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Illi ghalhekk ikun opportun li qabel ma' din il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda mismugha tghid ftit kliem dwar l-*iter* ta' dawn il-proceduri. Din il-kawza kienet bdiet bhala kawza tad-distrett fejn ic-*charges* kienu hargu nhar it-18 ta' Novembru 2006 mill-Ispettur Carlos Cordina fejn l-imputata giet akkuzata talli intenzjonalment aggrediet lil Mary Zammit, talli nsulentat u ghajret lill-istess Mary Zammit u Margaret Bongailas bil-kliem u talli wzat forza fuq il-persuna ta' Mary Zammit fejn sofriet feriti ta' natura hafifa kif gie ccertifikat minn Dr Pamela Seychell.

Illi fl-ewwel udjenza ta' din il-kawza li kienet qed tinstema' quddiem il-Magistrat Audrey Demicoli li tisma' l-kawzi sommarji tad-distrett taz-

Zurrieq pero' din kienet giet irtirata mill-Prosekuzzjoni permezz ta' nota prezentata minnu fis-16 ta' Gunju 2009.

Illi in segwitu l-Prosekuzzjoni harget l-akkuzi odjerni u cioe' dawk li nghataw fil-konfront ta' l-imputata f'din il-kawza u cioe' talli kkawzat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mary Zammit, talli hebbet ghal din l-istess persuna u talli kisret il-paci pubblika u ghalhekk illum huma dawn l-akkuzi li l-imputata trid twiegeb ghalihom.

Fil-fatt meta xehed l-Ispettur Carlos Cordina mill-ewwel jghid li kellu jpoggi l-kaz fil-perspettiva tieghu u jghid li mill-provi li gabar ma kienx irrizultalu li effettivament l-imputata kellha titressaq fuq akkuza ta' attentat ta' qtil kif sostna l-avukat Dr Tonio Azzopardi u dan ghaliex meta kien baghat ghall-kwerelanti qatt ma ndikatlu li kien hemm xi barriera vicin ta' fejn sehh l-incident u li effettivament l-imputata setghet imbuttatha l-isfel.

Illi l-kwerelanti xehdet darbtejn viva voce l-Qorti fejn fl-ewwel seduta mizmuma nhar l-1 ta' Gunju 2010 tghid li kienet giet aggredita minn Mary Zammit u li din ipprovat tifgaghha billi bdiet tghafsilha ghonqha u meta talbitha biex titlaqha ghax kienet ser tifgaghha qaltilha li xtaqet toqtolha. Fl-ebda hin ma ssemmi li fil-vicinanzi kien hemm xi barriera jew li l-kwerelant ipprovat twaddabha f'xi barriera. Pero' meta regghet xehdet nhar il-15 ta' Ottubru 2010 tghid li l-imputata kellha jdejha ma' wiccha u bdiet tghajjat kemm tiflah u f'hin minnhom qabditha minn ghonqha u tghidilha li mhux tifga riedet izda toqtolha. Jidher ukoll li l-kwerelanti tghid li ma tafx lill-imputata hlief de visto pero' mill-atti jidher

li kien hemm kwistjoni dwar il-klieb li kienet ilha ghaddejja bejniethom u ghalhekk mhux attendibbli li tghid li ma kienitx tafha izda de visto biss.

Illi pero' PS 850 fl-affidavit tieghu jghid li l-kwerelanti kienet irraportatlu nhar it-23 ta' Awwissu 2008 li fil-21 ta' Awwissu 2009 ghal habta tad-9.00 waqt li kienet quddiem ir-residenza ta' Triq l-Iskola Safi kellha argument mal-imputata rigward kelb ghax kull darba li hija kienet tmur titma l-kelb quddiem il-bieb taghha hija kienet theddidha bil-kliem 'intik daqqa ta' karozza' u rraportat ukoll li kient se thebb ghaliha bil-karozza.

Illi minn ezami tal-kwerela li giet mibghuta lill-pulizija ezekuttiva nhar is-27 ta' Awwissu 2008 minn Dr Marion Camilleri (vide Dok MC 1 esebita a fol. 76 tal-atti) jidher li l-kwerelanti kienet stqarret mal-avukata taghha li kienet giet aggredita mill-imputata billi din ipprovat tifgaghha b'idejha u bhala rizultat sofriet feriti ta' natura hafifa u dan wara li qalghet diversi daqqiet ta' ponn u anke permezz ta' borma li kienet f'idejha stess. F'din il-kwerela l-kwerelanti titkellem fuq incident iehor li sehh jumejn wara allegatament nhar it-23 ta' Awissu 2008 pero' dwar dan l-incident ma jidhirx li l-imputata giet akkuzata u ghalhekk din il-Qorti mhix ser tiddiskutih.

Illi pero' minn ezami tal-kwerela mibghuta minn Dr. Tonio Azzopardi lill-pulizija ezekuttiva nhar it-3 ta' Gunju 2009 u cioe' ghaxar xhur wara li sehh l-allegat incident fejn talab li jittiehdu passi kontra l-imputata talli kkagunat feriti ta' natura gravi billi pprovat tifga lill-kwerelanti u kkawzat hsara psikologika li damet fuqha ghal perjodu ta' tletin jum. Jidher li huwa spjega li l-imputat ghafset ghonq il-kwerelanti billi pprovat tifgaha

u tghidilha li '*illum irrid noqtlok, x'nitilqek nitilqek'*. Imbaghad bdiet issabbatha mal-art u anke lejn nofs it-triq fejn faccata kien hemm hofra ta' zewg sulari u bhala rizultat ta' dan kellha tiehu x-rays tal-*cranium*.

Illi ghalhekk il-verzjoni moghtija mill-kwerelant ta' dak li effettivament gara dakinhar mhix wahda attendibbli stante li tvarja minn prova ghal ohra.

Margaret Bongailas xehdet u spjegat illi hija ma kienitx ma' ohtha l-kwerelanti meta' nqala' l-incident pero' kienet ratha ftit wara ghand ommhom. Tghid li l-kwerelanti kienet imbiccra, kellha diversi daqqiet, gundalla go rasha, kellha tbengil f'idejha u daharha u kullimkien anke demm kellha, kellha wkoll grif 'l hemm u 'l hawn f'idejha u f'saqajha. Kienet mimlija trab ta' meta' qisu wiehed tmieghek mal-art. Tikkonferma wkoll li kien hemm incident iehor nhar it-23 ta' Awwissu 2008 liema ncident pero' ma jifformax parti minn din il-kawza.

Meta xehdet l-ewwel darba Dr Pamela Gauci nee' Seychell hija taghti dettalji dwar il-feriti li rriskontrat fuq il-persuna ta' Marija Zammit nhar il-21 ta' Awwissu 2008 fl-10pm (vide Dok ZM 9 a fol. 31). Dr Zahra wkoll jaghmel referenza ghac-certifikat mediku tieghu esebit bhala Dok. ZM 10 esebit a fol 32 u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-kwerelanti ma kellha l-ebda frattura tal-*cranium.*

Illi Dr Pamela Seychell regghet giet mitluba tixhed u tispjega certifikat mediku iehor taghha li rrilaxxjat nhar is-26 ta' Awwissu 2009 u cioe'

tmint ijiem wara l-allegat incident mertu tal-kawza u hemmhekk jidher li hemm feriti li ma ssemmewx qabel. Jinghad bla tlaqliq li dawn il-feriti ghalhekk jistghu jaghtu referenza ghat-tieni ncident li kien sehh u cioe' dak tat-23 ta' Awissu 2003 kif del resto jirrizulta mix-xhieda ta' Margaret Bongailas u mill-kwerela ta' Dr Marion Camilleri u ghalhekk dan it-tieni certifikat qed jigi skartat in toto.

Dwar il-feriti li sofriet il-kwerelanti jidher li dawn kienu kollha ta' natura hafifa. Jidher li l-parte civile pero' ma kinitx kuntenta bl-istat ta' fatti kif gew provati mill-Prosekuzzjoni u talbet lill-Qorti tinnomina espert mediku sabiex jinvista lill-kwerelanti u din giet invistata minn Dr Jonathon Joslyn li wkoll ikkonferma li l-feriti kienu ta' natura hafifa. Ghalhekk f'dan ir-rigward ma jidher li hemm l-ebda dubju dwar in-natura tal-feriti.

Illi min naha l-ohra x-xhieda moghtija mill-imputat kienet wahda kredibbli u attendibbli. Hija tikkonferma l-ispjegazzjoni illi kienet tat lil PC 462 meta dan kien qed jinvestiga l-kaz u dan kif jirrizulta minn ezami tal-okkorrenza esebita fl-atti a fol. 80. Jidher li l-imputat kienet ilha tghid lill-kwerelanti li ma tridx li l-kwerelanti titma l-klieb quddiem id-dar taghha u dan ghaliex kienu feroci u ta' periklu izda dan nonostante l-kwerelanti baqghet titmaghhom hemm. Hija tichad li pprovat tifga lill-kwerelanti anzi tghid li kienet il-kwerelanti li pprovat ittajjarha bil-karozza. Tghid li fil-fatt giet fl-idejn meta l-kwerelanti fethet il-bagoll tal-karozza u harget borma bl-ikel tal-klieb hija marret sabiex tiehu l-borma minn idejha u min jigbed minn-naha u min minn ohra u l-kwerelanti waqghet mal-art u l-borma baqghet f'idejha. Tghid pero' li ma gietx fl-idejn mal-kwerelanti,

dwar dan din il-Qorti ssibha difficli temmen ghaliex kieku ma kienx ikun hemm il-feriti kollha kif deskritti fl-ewwel certifikat irrilaxxjat mit-tabiba Dr Pamela Gauci.

Illi jinghad li l-incident sehh nhar il-21 ta' Awwissu 2008 u l-akkuzi odjerni hargu nhar is-27 ta' Awissu 2009 kwazi sena wara u ghalhekk it-tieni u t-tielet akkuza huma preskritti ai termini tal-Artikolu 688(F) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li huma kontravenzjonijiet u li huma preskribbli bit-trapass tat-tlett xhur.

Ghalhekk din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-**Artikoli 216, 338(dd), 339(d) u 383 (1) (2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li ssib lill-imputata JANE BUSUTTIL hatja tal-akkuza li kkagunat feriti ta' natura hafifa (kif inkorporata fl-akkuza aktar serja ta' ferita gravi) fuq il-persuna ta' Marija Zammit u tikkundannaha multa ta' mitt ewro (€100) u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u tielet akkuza stante li dawn illum jinsabu preskritti.**

**Il-Qorti pero' tipprovdi ghas-sigurta' ta' Marija Zammit billi qieghda torbot lill-imputata b'obligazzjoni ta' mitejn ewro (€200) li ma timmolestax u ma tingurjax lill-istess Marija Zammit ghal perjodu ta' sena mill-illum ai termini tal-Artikolu 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------